



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

2010/2211(INI)

31.1.2011

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat speċjali dwar l-isfidi tal-politika u r-riżorsi baġitarji għal Unjoni Ewropea sostenibbli wara l-2013

dwar l-isfidi tal-politika u r-riżorsi baġitarji għal Unjoni Ewropea sostenibbli wara l-2013
(2010/2211(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Constanze Angela Krehl

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat speċjali dwar l-isfidi tal-politika u r-riżorsi baġitarji għal Unjoni Ewropea sostenibbli wara l-2013, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jirrimarka dwar iż-żieda fl-importanza tal-politika tal-koeżjoni bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, u l-fatt li t-tielet pilastru – il-koeżjoni territorjali – inżied magħha u jinnota li l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-ibliet jinsabu fl-aħjar qagħda biex jimplementaw dik il-politika attivament, u li għaldaqstant is-settorjalizzazzjoni tkun kontroproduktiva u ma tkunx konsistenti mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
2. Huwa tal-fehma li l-politika ta' koeżjoni hija element prinċipali għat-twettiq tal-Istrateġija UE 2020 u li politika ta' koeżjoni tajba u awtonoma hija l-prerekwiżit għal azzjoni konġunta tal-UE li tirnexxi peress li hija tikkontribwixxi bħala strument effettiv biex jintlaħqu l-miri komuni ta' dik l-istrateġija fl-ivell reġjonali u lokali u tippermetti konsolidazzjoni ta' miri strateġiċi u bżonnijiet lokali b'potenzjal fil-post; jenfasizza li l-politika ta' koeżjoni bin-natura orizzontali tagħha qed tikkontribwixxi għall-oġġettivi UE2020 kollha – kabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv – u dan għandu jiġi rifless fl-istruttura tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali wara l-2013; jenfasizza li l-oġġettivi li huma inklużi fit-Trattat ta' Lisbona iżda li mhumiex parti mill-miri tal-UE2020 għandhom jintlaħqu wkoll u r-relazzjoni bejn l-oġġettivi tal-Istrateġija tal-UE2020 u oġġettivi oħra għandha tiġi ċċarata; jappoġġja lill-Kummissjoni biex tottimizza l-użu tas-sinerġiji bejn il-fondi eżistenti;
3. Jikkunsidra li koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali hija prerekwiżit fundamentali għall-ksib tal-oġġettiv tal-kompetittività, partikolarment billi jiġu inkuraġġuti t-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien ta' impjiegi;
4. Jinnota li jidher ċar is-suċċess tal-politika tal-koeżjoni ekonomika u soċjali fil-271 reġjun tas-27 Stat Membru, u jirrimarka li l-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-prinċipju tas-sħubija u l-governanza fuq livelli differenti huma kundizzjonijiet essenzjali għal dan; jerġa' jsostni l-pożizzjoni tiegħu rigward l-aqwa prattiki, kif esposta fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Marzu 2009 dwar l-aqwa prattiki fil-qasam tal-politika reġjonali u l-ostakli għall-użu tal-Fondi Strutturali¹;
5. Jenfasizza li l-valur miżjud Ewropew tal-politika ta' koeżjoni, bl-akbar linja baġitarja, mhuwiex ikkontestat peress li din il-politika tikkosititwixxi mekkaniżmu stabbilit sew ta' lħiq ta' oġġettivi Ewropej u hija waħda mill-politiki tal-UE li l-aktar sinifikanti, viżibbli u li r-nexxew minn għexieren ta' snin bil-kapaċità li tippromwovi sinerġiji fost il-politiki interni Ewropej l-oħra;
6. Jinnota li politika ta' koeżjoni moderna jeħtiġilha tadatta ruħha għall-bżonnijiet li baqgħu tar-riformi strutturali u għall-isfidi l-ġodda li qed jaffaċjaw r-reġjuni kollha tal-UE; jikkunsidra għaldaqstant li huwa neċessarju li jiġu stabbiliti l-prijoritajiet li ġejjin:

¹ ĠU C 117 E, 6.5.2010, p.38.

- neħtieġu tkabbir ekonomiku sostenibbli b'impatt pożittiv fuq is-suq tax-xogħol f'żoni urbani kif ukoll rurali;
 - neħtieġu infrastruttura intelliġenti, effettiva u moderna (traffiku, komunikazzjoni, ilma/dranaġġ; skart, enerġija);
 - fil-kuntest tal-politika ta' koeżjoni, nisħqu fuq il-bżonn għal appoġġ imsaħħaħ għal:
 - (i) tkabbir intelliġenti bbażat fuq riċerka, żvilupp u innovazzjoni, kif ukoll l-użu tal-ICT,
 - (ii) edukazzjoni, taħriġ u studji speċjalizzati,
 - (iii) impjiegi,
 - (iv) żvilupp integrat tal-bliet (inkluża pereżempju l-promozzjoni tal-enerġija tal-effiċjenza fil-binjiet),
 - (v) tiżiħ tad-dimensjoni soċjali, inklużi s-servizzi ta' interess ġenerali u kwistjonijiet relatati mal-bidla demografika,
 - (vi) impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) bħala l-mutur tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali tar-reġjuni,
 - (vii) objettivi relatati mat-tibdil fil-klima,
 - (viii) reġjuni li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti bħar-reġjuni tat-tramuntana mbiegħda b'densità ta' popolazzjoni baxxa ħafna, u reġjuni insulari, transkonfinali u muntanjużi,
 - (ix) l-istabbiliment ta' strutturi reġjonali ekonomiċi aktar integrati u bbilanċjati bħala garanzija ta' żvilupp ekonomiku u soċjali iktar armonjuż;
7. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-ksib ta' kompetittività ikbar jiddependi fuq il-partikolarijiet ta' kull reġjun inkluż il-livelli ta' żvilupp hemmhekk, u għalhekk għandu jittieħed kont xieraq sabiex l-Istati Membri u r-reġjuni jingħataw flessibbiltà sabiex jistabbilixxu l-aħjar taħlitiet ta' politiki;
8. Huwa favur tal-fatt li l-FSE għandu jibqa' parti essenzjali tal-politika ta' koeżjoni u jissaħħaħ bħala tali; jitlob li jkun hemm aktar koordinament mal-politika ta' koeżjoni u l-miżuri ta' żvilupp rurali taħt il-FEŻR u l-FAEŻR sabiex ir-riżorsi jkunu jistgħu jitħaddmu bl-aktar mod effettiv u effiċjenti possibbli, mhux biss billi jittieħed kont tal-karatteristiki u l-problemi ta' konverġenza ta' kull reġjun iżda wkoll billi jiġu involuti b'mod xieraq ir-reġjuni rurali;
9. Huwa tal-opinjoni li s-suriet kollha tal-kooperazzjoni territorjali (kooperazzjoni transkonfinali, interreġjonali u transnazzjonali) u l-baġits allokatilhom għandhom jissaħħu;
10. Jinsisti li r-reġjuni l-inqas żviluppatti u l-iktar reġjuni żvantaġġati (Objettiv 1) tal-UE-27

jingħataw appoġġ speċjali, kif jirrikjedi l-ispirtu tas-solidarjetà; jenfasizza fl-istess waqt l-ħtieġa għal Objettiv 2 b'saħħtu għar-reġjuni li huma aktar żviluppati kif ukoll għal regoli transizzjonali xierqa; jikkunsidra, mandankollu, li sabiex jiġi żgurat żvilupp armonjuż u bbilanċjat fir-reġjuni tal-UE kollha, politika ta' koeżjoni għandha bilfors tinkludi t-territorju kollu tal-UE;

11. Jirrimarka li hemm effett ta' limitu sinifikanti bejn ir-reġjuni eliġibbli għall-finanzjament taħt l-objettiv ta' konverġenza u r-reġjuni l-oħra, u huwa tal-opinjoni li dan l-effett ta' limitu għandu jitnaqqas;
12. Jenfasizza li politika ta' koeżjoni msaħħa u li tirnexxi teħtieġ finanzjament adegwat, li bl-ebda mod ma jista' jkun anqas minn dak disponibbli fil-perjodu ta' programmazzjoni attwali 2007-2013;
13. Ifakkar li waħda mill-kritiki diretti lejn il-politika ta' koeżjoni tirrigwarda l-komplessità tar-regoli tagħha; jinsisti fuq l-importanza tas-semplifikazzjoni tar-regoli u l-proċeduri ta' din il-politika u t-tnaqqis tal-komplessità u l-piżijiet amministrattivi sabiex tiġi żgurata allokkazzjoni aktar trasparenti u effettiva tar-riżorsi lill-bliet, il-muniċipalitajiet u r-reġjuni, filwaqt li l-frekwenza tal-kontrolli għandha tikkorrispondi mar-riskju tal-irregolaritajiet skont il-prinċipju ta' proporzjonalità;
14. Jenfasizza l-fatt li taħlita aħjar ta' strumenti finanzjarji bħal sussidji, self jew fondi rotanti tista' ssostrni użu aktar effiċjenti tar-riżorsi; jinkoraġġixxi l-awtoritajiet lokali u reġjonali jużaw kemm jista' jkun l-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja u ta' appoġġ tekniku introdotti mill-Kummissjoni sabiex jitħeġġeġ l-investment fl-livell lokali u dak reġjonali;
15. Jenfasizza l-bżonn ta' tisħiħ tal-effett ta' lieva tal-Fondi Strutturali permezz ta' użu aħjar tal-akkwisti pubbliċi; jenfasizza f'dan ir-rigward il-bżonn li jiġu żviluppati u implimentati aktar ir-regoli tal-akkwist b'impatt ambjentali mnaqqas ("akkwist li jqijs il-ġid tal-ambjent"); iħeġġeġ lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jħeġġu aktar l-użu tal-akkwist pubbliku prekommerċjali ħalli jikkontribwixxi għal aktar riċerka u żvilupp u innovazzjoni fl-UE;
16. Jinsisti li l-kontroll tal-infiq fil-ġejjieni jkun issemplifikat u aktar orjentat lejn ir-riżultati sabiex ma jitqieghidx piż amministrattiv eċċessiv fuq il-benefiċjarji finali;
17. Jenfasizza li l-kundizzjonalità miftiehma ex ante f'oqsma direttament marbuta mal-politika ta' koeżjoni u indikaturi ta' riżultati xierqa għandhom jitfasslu sabiex joħolqu opportunità sabiex jittejjeb t-tfassil tal-politika tar-reġjuni u sabiex ikun hemm dibattitu aktar miftuħ ħalli tissaħħaħ l-effettività tal-koeżjoni;
18. Jirrimarka li perjodu ta' ħames snin huwa qasir wisq, minħabba li l-proċeduri ta' approvazzjoni jieħdu wisq fit-tul u u ma jippermettux l-użu effiċjenti tar-riżorsi; jinnota l-fatt li fl-imgħoddi ntvera li perjodu ta' seba' snin huwa aħjar, u li l-perjodu ta' programmazzjoni m'għandu jitqassar fl-ebda ċirkustanza; jenfasizza l-fatt li perjodu ta' seba' snin jew, wara l-2020, saħansitra itwal tal-qafas finanzjarju multiannwali (MFF), jissalvagardja l-effiċjenza; jenfasizza li perjodu hekk stabbilit għandu jitfassal b'mod li jippermetti li jiġu skedati l-prijoritajiet finanzjarji mal-perijodi tal-mandati tal-Parlament u l-Kummissjoni;

19. Jenfasizza li l-kofinanzjament kif ukoll ir-regoli n+2 u n+3 għandhom jinżammu, possibbilment flimkien ma' flessibbiltà akbar għal sitwazzjonijiet eċċezzjonali, li nistgħu nistennew li jinqalgħu fil-perjodu ta' programmazzjoni li ġej; huwa tal-opinjoni li l-kofinanzjament għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss għandu jibqa' simili b'mod ġenerali għall-perjodu attwali; jinsisti li filwaqt li grad ta' flessibbiltà fl-użu tar-riżorsi għandu jiġi ggarantit, il-fondi li ma jibqgħux impenjati minħabba r-regoli msemmija hawn fuq għandhom jibqgħu fil-baġit ta' koeżjoni u ma jmorrux lura għand l-Istati Membri;
20. Jinnota li l-fondi mħallsa fil-kuntest tal-politika ta' koeżjoni m'għandhomx jintużaw bħala "strument ta' sanzjoni" taħt l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir; jinsisti li dan ikun kontroproduttiv għar-reġjuni u l-Istati Membri kkonċernati u għall-UE u tali miżuri jittrattaw l-Istati Membri u r-reġjuni b'mod inugwali peress li dawn jissanzjonaw l-aktar lil dawk l-aktar fqar;
21. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li kwalunkwe regola ta' kundizzjonalità pprovduta għandha tkun limitata fl-ambitu tagħha għall-qafas ta' miżuri u strumenti ta' politika ta' koeżjoni;
22. Jitlob proposta sabiex ikun hemm sanzjonijiet finanzjarji aktar stretti għall-Istati Membri li ma jaderixxux għall-kriterja ta' stabbiltà, u għalhekk jissuġġerixxi li jiġu previsti awtomatiżmi aktar b'saħħithom;
23. Huwa tal-fehma li l-miżuri ta' politika ta' koeżjoni jippermettu, minbarra l-appoġġ għar-reġjuni, anki li l-UE tkun aktar viżibbli ġewwa r-reġjuni, u jinnota li viżibbiltà aħjar fir-reġjuni tista' turi dan b'mod aktar ċar u tikkontribwixxi għall-valur miżjud tal-azzjoni Ewropea;
24. Jenfasizza b'mod partikolari li l-politika ta' koeżjoni, li hija fl-istess waqt "intelliġenti", "sostenibbli" u "inklussiva", għandha rwol kruċjali fl-Istrateġija UE 2020 u tista' tagħti, bħall-oqsma politiki kollha, kontribuzzjoni għal dawn il-miri; jirrimarka li dan il-fatt jerġa' jorogħ ċar l-importanza tal-politika ta' koeżjoni bħala politika unitarja, u jirrifjuta li din il-politika tiġi frammentata f'bosta intestaturi tal-baġit peress li l-politika ta' koeżjoni għandu jkollha l-intestatura tagħha stess fil-baġit tal-UE.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	27.1.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 40 -: 1 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Luís Paulo Alves, Charalampos Angourakis, Sophie Auconie, Catherine Bearder, Victor Boştinaru, Zuzana Brzobohatá, Alain Cadec, Salvatore Caronna, Francesco De Angelis, Tamás Deutsch, Rosa Estaràs Ferragut, Danuta Maria Hübner, Ian Hudghton, María Irigoyen Pérez, Seán Kelly, Evgeni Kirilov, Constanze Angela Krehl, Petru Constantin Luhan, Riikka Manner, Iosif Matula, Erminia Mazzoni, Miroslav Mikolášik, Jan Olbrycht, Wojciech Michał Olejniczak, Markus Pieper, Georgios Stavrakakis, Csanád Szegedi, Nuno Teixeira, Michael Theurer, Lambert van Nistelrooij, Kerstin Westphal, Hermann Winkler, Joachim Zeller
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Karima Delli, Karin Kadenbach, Andrey Kovatchev, James Nicholson, Elisabeth Schroedter
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Edvard Kožušník, Norica Nicolai, Jan Zahradil